**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta’ Jannar 2016**

**Rikors Numru 97/2014**

**Darren Brincat**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Darren Brincat** ipprezentat fis-27 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*“Illi l-esponent applika ghat-tigdid tal-licenzja tieghu bhala Gwardjan Lokali u Irtirar tal-istess licenzja ai termini tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*Illi permezz ta’ ittra datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru tas-sena kurrenti u bin-numru ta’ referenza LW/34/2004, l-applikazzjoni tal-esponenti giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 10 (b) tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-interess pubbliku, liema decizjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘A’;*

*Illi ma hemm l-ebda dubju li tali decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli, bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u kif ukoll sproporzjonata ghall-fatti specje tal-kaz u dan kif se jipprova l-istess esponent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*Illi l-esponent jirrileva illi hu ilu madwar tnax (12) il-sena bhala Gwardjan Lokali u dejjem offra servizz impekkabli tant li qatt ma kellu problemi la mal-kollegi tieghu u wisq anqas mas-superjuri tieghu;*

*Illi inoltre, jirrileva illi fl-ittra mibghuta hemm miktub illi dan it-tigdid ma setax isir minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont Artikolu 10 (b) tal-Kap 389. Illi mhuwiex minnu illi tali tigdid ta' licenzja se jmur kontra l-interess pubbliku stante illi anke jekk wiehed ihares lejn il-fedina penali tal-esponent jinnota illi din hija kwazi netta ghajr reat wiehed biss fejn kien akkuzat inter alia illi ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li gie provdut ghalih. Illi huwa gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*Illi b'hekk l-esponenti kellu jintavola dan l-umli appell u dan ai termini tal-Artikolu 11 (3) tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar l-imsemmija decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena kurrenti u minflok tigi mgedda l-licenzja ta' Gwardjan Lokali tal-esponent stante illi l-istess Kummissarju tal-Pulizija qatt ma kellu jirrifjuta tali applikazzjoni;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:-*

1. *Jiddikjara illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena kurrenti u li ghandha numru ta' referenza LW/34/2004 hija zbaljata u ingusta u ghalhekk tali decizjoni ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija jgedded il-licenzja ta' Gwardjan Lokali tal-esponent;*

3. *Tordna kull provvediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**<u>Kummissarju tal-Pulizija</u>**ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-
"

1. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta it-tigdid tal-liċenzja ta' Gwardjan Lokali lir-rikorrent ai termini tal-artikolu 10*

*(b) tal-Kap 389, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

2. *ILLI inoltre ma jistax jitqies li mhux fl-interess pubbliku li tiġi rifjutata tali liċenzja meta ir-rikorrent instab akkużat għal diversi reati kif hemm imniżżel fil-fedina penali tiegħu u wisq anqas meta l-aktar inċident riċenti sar biss fl-20 ta' Diċembru 2011 meta fuq kollox Darren Brincat kien diġa jaħdem bhala Gwardjan Lokali. L-Appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rigward dan l-inċident u fis-6 ta' Marzu 2012 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali sabitu ħati talli:*

   *Ghall-habta ta' 00.45am u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Hal Qormi:*

1. *Għamel użu ta' xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li ġie provdut għalih – huwa uza l-mezzi telefonici sabiex jhedded u jinsulenta lil-Jason Taliana;*
2. *Naqqas li josserva l-istruzzjonijiet li nħarġu mill-provditur awtorizzat għal użu sew tas-sistema ta' telekomunikazzjoni jew għamel użu mhux xieraq bih;*
3. *Oltre minn dan fuq ammissjoni irriżulta li dak in-nhar l-Appellant inġurja u hedded lil Jason Taliana;*
4. *Għamel uzu jew ipprova jagħmel użu jew kellu kontroll ta' vettura fit-triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq;*

   *Il-Qorti f'dan il-kaz sabet lil-Appellant hati ta' l-imputazzjonijiet (a), (b) u (d) filwaqt li (c) kienet tirrizulta fuq ammissjoni.*

3. *ILLI l-Appellant kien weħel hames (5) xhur priġunerija u kien ġie ordnat li s-sentenza ma għandiex tibda ssehh ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn minn dakinhar tas-sentenza, l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija. L-Appellant kien appella minn din id-decizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fis-6 ta' Diċembru 2012 il-Qorti tal-Appell ċahdet l-Appell ta' Darren Brincat;*

4. *ILLI fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2012 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet innutat l-fatt li l-Appellant kien jahdem ta' Gwardjan Lokali fi zmien meta kkometta dan ir-reat u din ma setghetx timitiga favur l-Appellant anzi ghandu jkun l-oppost: "Persuna ta' tali responsabilta' kellu jifhem sew x'kien se jwassal il-komportament tieghu, inkluz ir-raba' akkuza, serja, illi kien fil-kontroll ta' vettura meta ma kienx f'sitwazzjoni illi jaghmel dan. L-ewwel Qorti hadet dana kollu in konsiderazzjoni meta waslet ghall-piena taghha, liema piena kienet fil-parametri tal-ligi."*

5. *ILLI l-esponent jirrileva li ma ħassx li seta' iġedded il-licenzja ta' Darren Brincat fid-dawl ta' dak espost hawn fuq. L-esponent Kummissarju tal-Pulizija ħass illi l-Appellant ghandu jkun persuna ta' ezempju f'xogholu u mhux jagixxi b'atti li suppost qed jippreveni hu*

*stess, meta jkun fuq ix-xoghol tieghu. Persuna li kellha dak it-tip ta` offizi fil-fedina penali tagħha, ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` Gwardjan Lokali u ghalhekk ma gietx imgedda l-licenzja tieghu;*

6. *ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament li kellu jirrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-**Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra id-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca[1]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghat-tigdid ghal-licenzja tieghek ta' Gwardjan Lokali, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Art. 10 (b) tal-Kap 389.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ngharfek ukoll illi minhabba dan, il-licenzja tieghek qieghda tigi rtirata ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 389. Inti mitlub tirritorna l-karta ta' l-identita ta' Gwardjan Lokali fl-ufficju taghna fi zmien gimgha mid-data ta' l-ittra.*

---

[1] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol.  36 sa fol.46 u minn fol. 57 sa fol. 58

*Jekk inti jidhirlek illi m'hemmx lok ghall-irtirar tal-licenzja tieghek, ghandek dritt tappella bil-miktub lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi din l-ittra, u dan ai termini ta' l- Artikolu 13 tal-Kapitolu 389."*

Illi artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) jghid is-segwenti:-

*Il-Kummissarju **għandu jirrifjuta**[2] applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b) **meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza.**"*

Illi mill-fedina penali esebita bhala Dok RM1 jirrizulta illi r-rikorrent kellu s-segwenti akkuzi fil-konfront tieghu u cioe`:-

1.***"****Akkuzat talli fit-13 ta' Novembru 1993 ghall-habta ta' xi 10.30 pm fl-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla bi hsieb li jaghmel hsara lil persuni ta' P.S 1181 Gino Caruana u P.S 91 Michael Buttigieg, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita` kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dawn il-persuni huma innocenti u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u hedded lill P.S. 1181 Gino Caruana, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq karozza numru S-4540 fit-Triq ir-Rinella, Kalkara kontra s-sinjal tat-traffiku. U aktar talli fl-istess data, hin u lok saq karozza Numru. S-4540, b'velocita eccessiva u b'manjiera perikoluza."* Permezz ta' sentenza datata 15 ta' Dicembru 1993 huwa gie misjub hati u gie mpoggi taht ordni ta' probation ghal sena;

2. "1) *Talli fit-23 ta' Marzu 1995 ghal-habta tas-7.30pm f'Corradino Hill, Paola b'vettura B-3821(M) ghamilt u/jew ippermettejt l-uzu tal-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-pulizija biex tintuza fit-triq (LNR).*
*2) Talli nqast li tipproduci lill-pulizija l-licenzja tas-sewqan skont il-ligi.*
*3) Nqast tipproduci l-polza tas-sigurta fiz-zmien skont il-ligi."* Permezz ta' sentenza datata 15 ta' Settembru 1995 huwa gie misjub hati u kkundannat ghall-hlas ta' tletin lira maltin (Lm30) u hames liri (Lm5) ammenda;

3. *"Talli fl-20 ta' Lulju 1997 ghall-habta tas-2.00am gewwa Triq San Gorg Paceville, San Giljan hebbejt ghal Charles Schembri u*

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

*kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. A. Fiorini M.D, tal-Floriana Health Centre."* Permezz ta' sentenza datata 15 ta' Dicembru 1997 gie misjub hati u mpoggi taht ordni ta' probation ghal tlett xhur;

*4. "Talli fit-18 ta' Novembru 1997 ghall-habta tad-9.00pm f'Valletta Road, Mosta soqt vettura Numru CRI-551 bis-silencer mhux efficjenti."* Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Settembru 1998 ir-rikorrent gie misjub hati u kkundannat hmistax-il lira (Lm15) ammenda;

5. ***"****Talli b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru dispozizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dati u hinijiet differenti matul ix-xhur t'Ottubru, Novembru u Dicembru, 2011, f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer. 1) Ghamilt uzu minn apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma kienux dawk li kienu pprovduti ghalihom. 2) B'kull mod li jkun tajt fastidju lil Joseph Taliana meta kont taf jew messek kont taf li dan l-agir kien ta' fastidju ghal din il-persuna."* Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Marzu 2012 gie misjub hati u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur;

*6. "Talli fl-20 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' 00.45 am u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Hal Qormi; 1) B'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti jkunu jiksru d-dispozzizjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzjoni wahda, cioe` talli ghamilt uzu ta' xi sistema jew apparat tat-telekommunikazzjoni provdut minn provditatur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li gie provdut ghalih.*
*2) Nqast li tosserva l-istruzzjonijiet li nhargu mill-providitur awtorrizat ghal uzu sew tas-sistema ta' telekommunikazzjoni jew ghamilt uzu mhux xieraq bih.*
*3) Ingurjajt u heddidt lil Joseph Taliana mhux imsemmija banda ohra f'dan il-Kodici u jekk kont provokat hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.*
*4) U aktar talli ghamilt uzu jew pruvajt taghmel uzu jew kellek kontroll ta' vettura Nru. LCH-735 fit-Triq jew post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew droga."* Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Marzu 2012 konfermata fil-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Dicembru 2012 gie misjub hati u kkundannat hames xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u sitt (6) xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u tpogga taht garanzija personali taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Illi l-**Ispettur Ramon Mercieca** xehed illi fl-2004 ir-rikorrent kien inghata l-licenzja ta' gwardjan lokali filwaqt li fl-2007 kien inghata l-licenzja ta' gwardjan privat. Jghid li ghalkemm certu reati kien wettaqhom qabel inghata l-licenzji rispettivi il-Kummissarju kien iddecieda li xorta jaghti l-istess licenzji ghax forsi r-rikorrent kien irriforma

ruhu. Jghid pero` li sussegwentement, u cioe` fis-6 ta' Dicembru 2012, rega' instab hati bir-reati su citati li jinkludu ingurji u theddid fil-konfront ta' familjari li skond il-Kummissarju intimat huma karatteristici li zgur ma jaghmlux lir-rikorrent idoneu biex ikun hu li jikkoregi lil nies ohra waqt attivitajiet jew inkella waqt xoghol ta' gwardjan lokali, fejn fost xoghol iehor ikun fid-dover tieghu li jinforza l-ligijiet.

Illi ghalhekk, it-Tribunal josserva illi minn harsa kompleta lejn l-istorja li turi l-fedina penali tar-rikorrent, jirrizulta illi l-istess xellef difru mal-gustizzja ripetutament fl-1993, fl-1995, fl-1997, u fl-2011 b'varjeta` ta' reati minn rapporti foloz kontra Pulizija, sewqan bla licenzja, ingurji u theddid u wkoll sewqan taht il-kontroll ta' alkohol. Illi t-Tribunal ma jistghax ma jinnutax it-temperament tar-rikorrent li johrog mill-istess sentenzi u wkoll id-disrispett muri lejn il-Ligi u lejn l-Awtoritajiet.

Illi wara li t-Tribunal irrifletta u qies il-fedina penali fl-assjem taghha, ma jhossx illi r-rikorrent huwa ta' karattru affidabbli bizzejjed biex jezercita r-responsabbiltajiet li gwardjan lokali jew privat ghandu *vis-à-vis* s-socjeta` in generali, fosthom li jkun ta' ezempju biex ic-cittadini jobdu r-regoli u ligijiet biex socjeta` tiffunzjona b'rispett wiehed lejn l-iehor u lejn l-Awtoritajiet. Meta cittadin ihares lejn gwardjan privat jew lokali irid jara fih ezempju ta' rispett lejn il-ligi u mhux li hu stess ikun ripetutament kiser l-istess ligi. Illi dan it-Tribunal m'hu konfortat bl-ebda prova dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghar-reati mwettqa mir-rikorrent, anke jekk fl-ahhar mill-ahhar xejn ma jista' jiggustifika li hu wettaqhom. It-Tribunal jirrimarka li r-rikorrent lanqas biss offra x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri biex jirribatti il-gudizzju li l-Kummissarju tal-Pulizija ghadda fil-konfront tieghu permezz tad-decizjoni appellata.

Illi dan it-Tribunal f'dan il-punt iqis opportun li jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace et,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Dicembru 2008, fejn dik il-Qorti osservat illi "***Hu risaput li hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikhom jew,***

***jekk ikun qed digà jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dawk ta' l-appellanti***.[3] *B'daqshekk dak li jkun ma jkunx qed jigi punit darbtejn."*

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li s-sustanza tal-hsieb enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza citata japplika ghall-kaz odjern. Minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu pprestati minn Gwardjan Privat jew Lokali huwa logiku u legittimu li fl-ghoti ta' tali licenzja l-Kummissarju intimat jaghmel evalwazzjoni appozita wara li jiehu kont tal-fedina penali tal-applikant. Ghalkemm dawn il-Qrati ittrattaw mar-rikorrent b'sentenzi mhux karcerarji, it-Tribunal jifhem ir-responsabbilta` fuq spallejn il-Kummissarju intimat meta gie biex jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent. Meta dan it-Tribunal qies kemm il-fedina penali u kif ukoll il-fatt li r-rikorrent bl-ebda mod ma kkonforta lil dan it-Tribunal b'xi provi li juru l-affidibilita` u idonjeta` tieghu ghal dan ix-xoghol, l-istess Tribunal jasal biex jikkondividi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat.

Illi, ghaldaqstant, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gustifikat meta hareg ir-rifjut tieghu in vista tar-responsabbiltajiet li gwardjan privat u lokali irid jiffaccja fix-xoghol tieghu. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhala mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista' jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju l-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li nghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi f'dan il-kaz partikolari, it-Tribunal ma jsibx illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod mhux gustifikat u dan ghaliex ir-rikorrent, ghal diversi snin, ma kien xejn ezemplari. Wiehed irid jifhem illi x-xoghol ta' gwardjan privat u lokali jesponi lill-individwu ghal ghadd ta'

---

[3] Enfasi tat-Tribunal

cirkostanzi li jistghu ikunu difficli u li jesigu certament kontroll shih tas-sitwazzjonijiet li jsib quddiemu u ma jistghax wiehed ihalli jigru bih l-emozzjonijiet li jsarrfu fl-eghmil ta’ azzjonijiet li huwa stess ghandu jara li ma jsirux.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**